

- (3) *L-ammont tal-multa imposta in solidum fuq Wabco Europe u fuq Trane fl-Artikolu 2(3)(b) tad-Deċiżjoni C(2010) 4185 huwa ta' EUR 15 820 767.*
- (4) *L-ammont tal-multa imposta in solidum fuq Ideal Standard Italia, fuq Wabco Europe u fuq Trane fl-Artikolu 2(3)(e) tad-Deċiżjoni C(2010) 4185 huwa ta' EUR 4 520 220.*
- (5) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- (6) *Il-Kummissjoni għandha tbat i nofs l-ispejjeż sostnuti minn Wabco Europe, minn Wabco Austria GesmbH, minn Trane, minn Ideal Standard Italia u minn Ideal Standard GmbH kif ukoll l-ispejjeż tagħha.*
- (7) *Wabco Europe, Wabco Austria, Trane, Ideal Standard Italia u Ideal Standard għandhom ibatu nofs l-ispejjeż tagħhom.*

(¹) ĠU C 288, 23.10.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 — Dornbracht vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-386/10) (¹)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Awstrija tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Koordinazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Eċċezzjoni ta' illegalità — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attentanti — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità — Nuqqas ta' retroattività”)

(2013/C 325/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG (Iserlohn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment H. Janssen, T. Kapp u M. Franz, sussegwentement H. Janssen u T. Kapp, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u A. Antoniadis, aġenti, assistiti minn A. Böhlke, avukat)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Simm u F. Florindo Gijón, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim

ŻEE (Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju), u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti f'din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG, għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbat i nofs l-ispejjeż tiegħu stess.*

(¹) ĠU C 301, 06.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 — Zucchetti Rubinetteria vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-396/10) (¹)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, tal-Pajjiżi l-Baxxi u Awstrijak tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Koordinazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Kunċett ta' ksur — Ksur uniku — Suq rilevanti — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 — Gravità — Koeffiċjenti”)

(2013/C 325/47)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Zucchetti Rubinetteria SpA (Gozzano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Condanzi, P. Ziotti u N. Vasile, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A. Antoniadis u L. Malferrari, aġenti, assistiti inizjalment minn F. Ruggeri Laderchi u A. De Matteis, sussegwentement minn F. Ruggeri Laderchi, avukati)

Suġġett

Talba intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, għall-kanċellament jew it-tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuqha.